MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 90/2002

**Citazzjoni Nru: 90/02**

***Matilda Cilia***

***versus***

***Thomas Gatt***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi hija tikri l-hanut numru 60 Triq il-Knisja, Xghajra, Zabbar lill-intimat bil-hlas tas-somma ta' mitt lira (Lm100) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bl-ewwel skadenza fl-1 ta' Jannar, 2003.

Illi l-esponenti jidhrilha li l-ammont ta’ kera li qieghed jigi mhallas huwa baxx u jimmerita awment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li dan il-Bord jawmenta u hekk jistabilixxi l-kera li ghandha tithallas fuq il-hanut 60, Triq il-Knisja, Xghajra, Zabbar mill-intimat skond il-ligi.

Ra r-risposta

Illi preliminarjament, l-esponenti jecceppixxi n-nullita’ tar-rikors odjern, stante illi ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, ladarba l-kera gravanti l-fond mertu ta’ din il-kawza teccedi l-Lm40 fis-sena, allura r-rikorrenti kellha tgharraf lill-esponenti bil-hsieb li zzid il-kera permezz ta’ ittra ufficjali debitament notifikata lilu fit-terminu stipulat mill-Ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba tar-rikorrenti ghall-awment fil-kera ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi l-kera ta’ Lm150 fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, hija wahda gusta.

Illi l-fond imsemmi, ghalkemm qed jintuza ghal skopijiet kummercjali, huwa hanut zghir ta’ grocer gewwa rahal, u jikkostitwixxi l-uniku mezz ta’ ghixien tal-esponenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Ra l-verbal tas-16 ta’ Gunju, 2003.

Ra d-dokumenti u l-atti.

Ikkunsidra,

1. Dan huwa rikors biex jizdied il-kera ta’ fond kummercjali li bhalissa jgib il-kera ta’ mitt lira Maltija (Lm100). Billi l-kera hu izjed minn erbghin lira fis-sena (Lm40) il-procedura li dik stabbilita mill-art 14 (2) tal-Kap

69 tal-Ligijiet ta’ Malta. Is-sid ghandu jaghmel ittra ufficjali u l-kerrej jekk ma jaqbilx ghandu jaghmel ir-rikors.

2. F’dan il-kaz is-sid mexa skond l-art 14 (1) u ghamel ir-rikors hu meta l-kera tallum hi izjed minn erbghin lira fis-sena.

3. Il-procedura addottata, kif jghid l-intimat fl-ewwel eccezzjoni tieghu, hi nulla.

Ghalhekk il-Bord jiddikjara r-rikors irritu u null u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gjudizzju. L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------